Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2009

Numru 8/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Paul Muscat**

(Att ta' Akkuza 08/2006)

Illum, 28 ta' Dicembru 2009

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, interpost minn Paul Muscat, minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali wara verdett moghti mill-gurija. Permezz ta' Att ta' Akkuza prezentat mill-Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali fil-5 ta' Mejju 2006, l-imsemmi Paul Muscat (bin Joseph u Pauline nee Vella, imwieled in-Nadur, Ghawdex, fis-7 ta' Lulju 1948, u detentur tal-karta ta' l-identita` nru 51248G) kien akkuzat b'assocjazzjoni ghall-fini ta' bejgh jew traffikar tal-pjanta *cannabis* (l-ewwel kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza), b'koltivazzjoni tal-istess pjanta bi ksur tal-ligi (it-tieni kap), li bejgh u ttraffika bi ksur tal-ligi l-imsemmija pjanta (it-tielet kap), kif ukoll b'pussess kontra l-ligi ta' din il-pjanta *cannabis* (ir-raba' kap). Wara guri li gie celebrat f'Jannar tal-2008, il-gurati, fit-30 ta' dak ix-xahar, sabu lill-istess Muscat unanimament mhux hati skond l-ewwel kap; hati, b'7 voti favur u 2 kontra, skond it-tieni kap; hati, bi 8 voti favur u 1 kontra, skond it-tielet kap; u wkoll bi 8 voti favur u 1 kontra, hati skond ir-raba' kap tal-imsemmi Att ta' Akkuza. F'dik il-gurnata stess, cioe` 30 ta' Jannar 2008, il-Qorti Kriminali kkundannat lill-hati Paul Muscat ghall-piena ta' tmintax-il (18) sena prigunerija (bit-tnaqqis tal-arrest preventiv) u multa ta' hamsa w erbghin elf euro (€45,000) konvertibbli fi tmintax-il (18) xahar ohra prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; kif ukoll ikkundannatu jhallas is-somma ta' tlett elef erba' mija u tmienja u tletin euro u tlieta u tmenin centezmu (€3,438.83) spejjez peritali skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9; fl-ahharnett dik il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur l-istess Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli ohra tal-hati. Il-Qorti ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga bil-modalitajiet u bil-kundizzjoni indikati fl-istess sentenza.

**2.** L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet u kostatazzjonijiet:

"Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

"Rat il-verbal tal-lum li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li ghall-fini tal-piena r-reati taht it-tieni w ir-raba' kapi

tal-Att tal-Akkuza huma assorbiti fir-reat taht it-tielet kap, u dana peress li servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat taht it-tielet kap kif jiddisponi l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

"Qieset is-sottomissjonijiet tad-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti:-

"1. Li l-hati gie liberat mill-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
"2. Li kellu fedina penali kwazi netta hlief ghal xi ksur tal-Ligijiet tat-traffiku w xi kontravvenzjoni ohra li sehhew zmien ilu;
"3. Li ebda wiehed mill-verdetti ma kien unanimu;
"4. Li ma kienx hemm prova li fil-fatt il-hati kien lahaq ghadda xi droga lil terzi w ghalhekk l-attivita` tieghu kienet baqghet fl-isfera tat-tentattiv;
"5. Li l-assi tal-hati kif irrizultaw mill-perizja ma kienux ingenti.
"6. L-istat tas-sahha w il-kondizzjoni kardijaka tal-hati.

"Ghalhekk l-abbli difensur talab lill-Qorti tiehu dan kollu in konsiderazzjoni meta tikkalibra l-piena.

"L-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco invece ssottomettiet li :

"Il-mod u l-manjiera kif il-hatiipprova jiskolpa ruhu f'dan il-guri kien mod mahmug u pprova jhammeg diversi membri tal-Korp tal-Pulizija b'allegazzjonijiet ta' abbuz , ingurji w swat, bir-rizultat li dan deher rappurtat fil-"media" w ikkawza hsara ghall-isem tal-Korp tal-Pulizija w tal-Ufficjali koncernati. Dan kellu jigi rifless fil-piena.

"Ikkonsidrat:

"Qieset li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap.101, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta` tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita` tal-medicina w x-xorta w l-kwantita` tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha

tar-reat, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, w meta l-verdett ma jkunx unanimu, f’kazijiet bhal dawn il-Qorti tista’ tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta’ mhux inqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta’ mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira.

“Qieset ukoll il-piena li nghatat minn din il-Qorti f’kazijiet analogi recentement biex ikun jista’ jinzamm certu proporzjon u relativita` fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita` tar-reat, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita` f’sentenzi li jirrigwardaw din il-materja.

“Illi jidher li f’dan il-kaz il-hati kien involut f’operazzjoni ta’ koltivar u traffikar ta’ droga cannabis fi kwantita` sostanzjali li kienet tista’ ggib hsara fost il-vittmi ta’ din id-droga fil-pajjiz. Ghalhekk il-piena trid tkun wahda li tirrifletti serjament il-gravita` tar-reati anki in relazzjoni ma’ sentenzi ohra li erogat din il-Qorti f’kazijiet analogi biex, kemm jista’ jkun, ikun hemm uniformita` fl-erogazzjoni tal-piena.

“Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8, 9, 10, 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u r-Regola 4(a) tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, (G.N 292 ta’ l-1939), kif ukoll fl-artikoli 17(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Paul Muscat ghall-piena ta’ tmintax-il sena (18) prigunerija, b’dana li minn dan il-periodu jrid jinqata’ kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll multa ta’ hamsa w erbghin elf Ewro (€45,000) li jekk ma jithallsux minnufih jigu konvertiti awtomatikament fi tmintax il-xahar ohra prigunerija kif ukoll tikkundannah li jhallas is-somma ta’ tlitt elef, erba’ mija w tmienja w tletin Ewro u tlieta w tmenin centezmi (€3,438.83) import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’

Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli w immobbli ohra tal-hati.

“Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta' din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm, fi zmien hmistax-il jum mil-lum l-Avukat Generali b'Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta' xi proceduri ohra kontra terzi w b'dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b'verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

“Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skond il-ligi.”

**3.** Permezz ta' rikors prezentat fil-5 ta' Frar 2008, Muscat, tramite l-avukat tieghu Dott. Joseph Brincat, appella minn din is-sentenza. Huwa appella kemm mill-verdett ta' htija kif ukoll mill-piena li giet erogata. Peress li ghall-bidu kien jidher li l-appell kien qed isir ukoll mis-sejbien ta' htija, kemm l-Avukat Generali kif ukoll l-appellant talbu li ssir it-traskrizzjoni ta' hafna xiehda moghtija fil-kors tal-guri – ara n-nota tal-Avukat Generali tas-6 ta' Frar 2008 u dik tal-appellant (taht il-firma tal-avukat tieghu ta' dak iz-zmien Dott. Joseph Brincat) tal-25 ta' Marzu 2008. Fil-fatt dawna kollha, flimkien mar-rekwizitorja, difiza, replika u kontro-replika, u l-indirizz tal-Imhallef li ppresjieda l-guri, gew traskritti. B'digriet tal-11 ta' Gunju 2008, li gie notifikat lill-appellant Muscat fis-16 ta' Gunju 2008, l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-11 ta' Settembru 2008. Gara, pero`, li permezz ta' nota u rikors ipprezentati fl-4 ta' Settembru 2008 – iffirmati issa mill-avukat Dott. Roberto Montalto – l-appellant informa lil din il-Qorti li l-Avukat Montalto kien qed jassumi l-patrocinju tieghu minflok l-avukat li kellu qabel, kif ukoll talab differiment biex l-avukat l-gdid ikun “jista' jhejji s-sottomissjonijiet tieghu”. Ghalhekk l-appell gie differit ghad-19 ta' Settembru 2008. F'din l-ahhar imsemmija data, l-appellant, tramite l-avukat tieghu, rega' talab differiment sabiex il-legali tieghu “ikun jista' jara l-atti sewwa…u jekk ikun il-kaz ukoll jirrikonsidra l-posizzjoni ta' l-appellant dwar xi whud mill-aggravji

minnu migjuba fir-rikors ta' appell". Il-kawza regghet ghalhekk giet differita ghall-20 ta' Novembru 2008. Fil-31 ta' Ottubru 2008 l-appellant ipprezenta rikors li permezz tieghu talab kopja tal-attijiet tal-istruttorja. Il-Qorti laqghet it-talba fl-10 ta' Novembru 2008. Fl-udjenza tal-20 ta' Novembru 2008 Dott. Montalto rega' talab differiment peress li ma kienx ghadu ha konjizzjoni tal-atti kollha "stante li ma kienx l-avukat li ppatrocinja l-appellant fl-atti tal-guri". L-appell rega' ghalhekk gie differit ghat-12 ta' Frar 2009. B'rikors prezentat proprju gurnata qabel din l-ahhar udjenza, cioe` fil-11 ta' Frar 2009, l-appellant rega' talab differiment minhabba "impenn ta' natura medika [u totalment imprevvist]" tal-avukat tieghu. L-appell gie ghalhekk issa differit ghas-26 ta' Marzu 2009. Fis-26 ta' Marzu 2009 l-avukat difensur aktar 'l fuq imsemmi semplicement ma deherx! L-appell kellu ghalhekk jerga' jigi differit ghas-7 ta' Mejju 2009. F'din l-udjenza l-appellant, tramite l-avukat tieghu, iddikjara fl-atti tal-kawza li huwa kien "ser jirtira l-aggravji kollha hlief dak relattiv tal-piena u dwar dak l-aggravju tal-piena qed jerga' jillimitah ukoll ghall-piena karcerarja u pekunjarja [inkluzi l-ispejjez peritali], u ghalhekk mhux ghall-piena in kwantu kien hemm konfiska" -- ara l-verbal tal-udjenza kif ukoll in-nota presentata *seduta stante*. L-appellant rega' talab differiment iehor peress li xtaq iressaq xi provi in mitigazzjoni tal-piena. L-appell rega' gie ghalhekk differit ghat-trattazzjoni dwar il-piena – u ghall-provi dwar l-istess jekk ikun il-kaz – ghas-seduta tal-11 ta' Gunju 2009. Fl-udjenza tal-11 ta' Gunju 2009 xehed Patri Franco Fenech, prodott mill-appellant u, fuq talba tal-Qorti, xehed ukoll l-Assistent Kummissarju Neil Harrison; id-difensuri tal-partijiet – l-avukat Dott. Roberto Montalto u l-avukata Dott. Lara Lanfranco – ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom u l-appell thalla ghas-sentenza. Dan kollu qed jigi senjalat biex wiehed jispjega ghala l-appell in kwistjoni dam daqshekk biex gie trattat u biex jithalla ghas-sentenza.

**4.** Kif rajna, l-appell illum jinsab limitat ghall-piena, kemm pekunjarja, inkluza l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez peritali, kif ukoll dik karcerarja erogata mill-Qorti Kriminali. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha – kemm dawk tal-Istruttorja kif ukoll it-traskrizzjonijiet li lahqu saru qabel

ma l-appell gie limitat kif inghad – u ma tistax ma tosservax mill-bidu nett li hawn si tratta ta’ sejba kbira ta’ weraq tal-*cannabis* f’Ghawdex li l-appellant kien qieghed ikabbar proprju bil-hsieb biex jaghmel profitt mill-bejgh tieghu. Kif jirrizulta mid-diversi rapporti tal-Ispizjar Mario Mifsud, kummissjunati mill-Qorti Istruttorja, l-ammont totali ta’ weraq li gabru l-pulizija minghand l-appellant, allura indizjat, Muscat kien ta’ aktar minn 18-il kilogramm (ara r-rapporti Dokti MM2, fol. 619 u MM, fol. 218), minn liema ammont setghu jigu prodotti ‘l fuq minn tletin elf (30,000) *joint* jekk wiehed juza biss il-weraq u ‘l fuq minn sittin elf (60,000) *joint* jekk wiehed ihallat ftit tabakk mal-weraq (ara Dokti. XF, fol. 276 u MM5, fol. 658). Il-valur totali fis-suq – ovvjament fis-suq klandestin – huwa stmat li kien ta’ qrib l-ghoxrin elf lira (Lm20,000) (ara r-relazzjonijiet a fol 549 u 655 tal-atti tal-Istruttorja). Ghalhekk hawn mhux qed nitkellmu dwar *joint* wahda jew tnejn, izda dwar koltivazzjoni fuq skala kbira hafna kjarament bl-iskop ta’ traffikar.

**5.** L-appellant jikkontendi li ma jirrizultax li kien hemm effettivament bejgh ta’ din id-droga da parti tieghu, u li huwa nstab hati ta’ traffikar minhabba d-definizzjoni tal-kelma “traffikar” fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 li tinkludi l-“koltivazzjoni”. Dan huwa minnu; izda huwa wkoll minnu illi kieku l-appellant irnexxielu jsib zbokk fis-suq ghall-merce tieghu – u mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-Pulizija jidher car li kien kwazi wasal – huwa seta’ litteralment jinvadi dan is-suq bil-*cannabis* li kien ikkoltiva u pprocessa. Ghalhekk ma hemm xejn sbalordittiv jew eccessiv fil-piena ta’ tmintax-il sena prigunerija u multa ta’ €45,000 erogata mill-ewwel Qorti, kif donnu qed jippretendi l-appellant. Anqas ma tara din il-Qorti li d-deposizzjoni tal-Kappillan tal-Habs, Patri Franco Fenech, tista’ b’xi mod tincidi fuq din il-kwistjoni tal-piena. L-imsemmi Kappillan fisser kif, minn mindu l-appellant dahal il-Habs biex jibda jiskonta l-piena, huwa kiseb il-fiducja kemm tal-istess sacerdot kif ukoll tal-awtoritajiet l-ohra tal-Habs, b’mod li huwa jigi assenjat anke xoghol partikolari u hekk imsejjah “ta’ fiducja”. Dan kollu, naturalment, jawgura tajjeb, fis-sens li jekk l-appellant jibqa’ jgib ruhu sew huwa jkun jista’ jibbenefika mill-*one third remission*

tal-piena skond ir-regolamenti tal-istess Habs, u possibilment anke minn koncessjonijiet ohra bhalma huma *leave*; izda dan il-fatt wahdu ma jista' b'ebda mod inaqqas il-gravita` oggettiva ta' dak li l-appellant wettaq. Ta' min ifakkar hawn li, kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni tirribadixxi aktar minn darba, il-ligi taghna ma taghmel ebda distinzjoni bejn *cannabis* (jew raza tal-*cannabis*) u drogi ohra li, f'certi ambiti u f'certi gurisdizzjonijiet, huma meqjusa bhala *hard drugs* jew drogi aktar perikoluzi, bhal, per ezempju, l-erojina u l-kokajina. In fatti, fuq il-verdett moghti mill-gurati, l-ewwel Qorti setghet anke tikkundanna lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija ghal ghomru. Ghalhekk, ghall-anqas minn dan il-lat, ma hemm xejn x'wiehed jiccensura fil-piena erogata. Anqas ma tara din il-Qorti li l-eta` tal-appellant ghandha tkun xi raguni ta' mitigazzjoni fil-piena.

**6.** Fi stadju ta' appell l-appellant qajjem ukoll punt li jew ma giex imqajjem espressament quddiem il-Qorti Kriminali jew li, fi kwalunkwe kaz, ma ssemmiex fis-sentenza appellata. Huwa fisser li huwa kien ghamel kwazi erba' snin taht "house arrest", u ssottometta li l-ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt fil-ghoti tal-piena, u cioe` apparti mit-tnaqqis tal-"arrest preventiv" li effettivament gie ordnat li ghandu jitnaqqas.

**7.** Issa, bhala fatt l-appellant, allura imputat, tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti Istruttorja fit-18 ta' Dicembru 2003. Fid-19 ta' Frar 2004 (ara fol. 178 sa 182), huwa tqieghed *on bail* pero` bis-segwenti kundizzjoni, fost ohrajn:

**"Illi f'ebda hin tal-gurnata m'ghandu johrog mid-dar u cioe` anqas fil-gardina f'kaz li ghandu wahda tinfed mid-dar u dan tul l-andament tal-proceduri odjerni. B'hekk ir-rikorrent ser ikun taht *house arrest*."**

**8.** B'digriet moghti fil-15 ta' Settembru 2005, il-Qorti Istruttorja awtorizzat lill-imputat li jkun jista' johrog mid-dar ghall-quddies fil-knisja tan-Nadur kuljum fil-5.45 am u l-Hadd ghall-quddies tas-6.00 am, u ghamlitha cara li l-hrug kien limitat ghall-quddies biss. B'digriet iehor tal-4 ta' April

2006 tal-istess Qorti Inferjuri, il-hin li fih Muscat seta' johrog mid-dar (minghajr, pero`, b'ebda mod ma jallontana ruhhu mill-Gzira ta' Ghawdex) gie estiz sal-10.00 ta' filghodu (cioe` mill-5.30 am sal-10.00 am) kuljum. Dwar din it-tip ta' kundizjjoni fil-ghoti tal-*bail* il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Frar 2009 fl-ismijiet **James Demanuele v. Avukat Generali** esprimiet ruhha hekk:

**"Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-"house arrest" bhala kundizzjoni tal-"bail" fis-sistema taghna hija r-rizultat ta' prattika li ssib l-origini taghha fl-estensjoni tal-*curfew*. In fatti, kien gie dejjem accettat li, bhala wahda mid-diversi kundizzjonijiet li jistghu jigu imposti biex ikomplu jiggarantixxu li ma tavverax ruhha xi wahda mic-cirkostanzi msemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1) tal-Kodici Kriminali, kien hemm dik tal-limitazzjoni tal-hrug wara certu hin (maghrufa wkoll bhala kundizzjoni tar-rinkazar) jew dik li persuna ma tersaqx lejn certu post jew postijiet (ez. fejn ikun jirrisjedi l-allegat vittma jew xi xhud partikolari). Jidher li maz-zmien il-Qrati tal-Magistrati gew perswazi mid-difensuri ta' nies li jkunu akkuzati b'reati, specjalment b'reati ta' certa gravita`, biex filwaqt li effettivament johorgu lill-akkuzat jew imputat mill-habs, fl-istess hin, pero`, izommuh "arrestat id-dar", jigifieri ma jkunx jista' johrog hlief – normalment – biex jattendi l-Qorti jew ghal ragunijiet medici. Jidher li din bdiet tigi kunsidrata bhala soluzzjoni "konvenjenti" ghal kulhadd – l-imputat imur id-dar u ma jibqax il-Habs, u l-Qorti "mohhha mistrieh" li mhux ser tigi inundata b'rikors wiehed wara l-iehor ghall-"bail". Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li tali prassi, li kif osservat l-ewwel Qorti, hija *praeter legem*, hija wahda perikoluza, u, bid-dovut rigward ghall-qrati kollha li sa issa applikawha, ftit li xejn taghmel sens. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-hsieb kollu wara l-hekk imsejjah "house arrest" bhala kundizzjoni tal-"bail" huwa zbaljat, ghax jew hemm, b'mod reali u konkret, wiehed jew aktar mill-perikoli ravvizati fl-imsemmija paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 575(1), u allura l-**

**helsien mill-arrest m'ghandux jinghata, jew ma hemmx, u allura l-imputat jew akkuzat ghandu jinheles mill-arrest taht garanzija u b'dawk il-kundizzjonijiet l-ohra li, kif inghad, ikomplu jiggarantixxu b'mod ragjonevoli li ma tavverax ruhha xi wahda mill-imsemmija cirkostanzi. Il-*house arrest*, pero`, ma jista' qatt jaghti l-garanziji li jaghti l-arrest preventiv proprju, specjalment ghal dak li jirrigwarda l-perikolu fondat ta' inkwinament tal-provi."**

**9.** Dik il-Qorti – cioe` l-Qorti Kostituzzjonali – kompliet tfisser li "house arrest", u cioe` meta persuna tkun effettivament qed tinzamm detenuta d-dar taghha flok f'post desinjat skond il-ligi bhala "habs", jammonta xorta wahda ghal forma ta' arrest b'tali mod li dak l-arrest irid ikun gustifikat skond l-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni Ewropea; jekk ma jkunx hekk gustifikat, ikun hemm lezjoni tal-imsemmi Artikolu 5(3). Mill-banda l-ohra, pero`, il-fatt li persuna tkun ghamlet xi periodu taht "house arrest" ma jintitolahiex li dak iz-zmien ta' "house arrest" jitnaqqsilha bi dritt, cioe` b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 ta' Kap. 9, u dan ghar-raguni semplici li l-"arrest preventiv" li huwa kontemplat li jitnaqqas skond l-imsemmi Artikolu 22 huwa dak iz-zmien li l-persuna tkun ghamlet mizmuma l-habs u mhux f'post li mhux "habs" skond il-ligi – ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Walter John Cassar** (4/10/2007) u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Hafes Ibrahim el Degwi** (8/5/2008). Mill-banda l-ohra, fil-kazijiet fejn, kontra dak indikat mill-Qorti Kostituzzjonali, tali "house arrest" ga gie applikat, dan l-arrest domiciljari jista' jittiehed in konsiderazzjoni minn Qorti fl-ikkalibrar tal-piena specjalment meta dan l-arrest (i) ikun wiehed assolut (cioe` l-persuna prattikament ma tohrog xejn minn darha hlief biex tattendi l-Qorti), (ii) ikun fuq periodu konsiderevoli u (iii) l-imputat ma jkun ghamel xejn, direttament jew indirettament, biex itawwal il-proceduri. S'intendi, tibqa' dejjem il-possibilita` li l-persuna in kwistjoni, minkejja l-kundizzjoni tal-*house arrest*, effettivament ma tkunx qed tosserva tali kundizzjoni u dan ad insaputa tal-prosekuzzjoni (li mhix tenuta li toqghod tpoggi pulizija ghassa wara l-bieb tieghu!) u tal-istess

Qorti. Jigi ribadit li dan ma jfissirx li l-periodu kollu tal-"house arrest" ghandu b'xi mod "jitnaqqas", wisq anqas li fis-sentenza tintuza xi formula li "tordna" t-"tnaqqis tal-periodu tal-*house arrest*". Mhux biss l-awtoritajiet tal-Habs ma jkollhom ebda *record* tal-*house arrest* – huma jkollhom *record* biss tal-persuni detenuti gewwa l-Habs – u ghalhekk tali "ordni" biex jitnaqqas il-periodu tal-*house arrest* ghandu jigi injorat mill-imsemmija awtoritajiet – izda din il-Qorti kellha diversi drabi l-okkazjoni tfisser u tishaq li bid-disposizzjoni l-gdida tal-Artikolu 22 (introdotta bl-Att III tal-2002) Qorti ta' Gustizzja Kriminali ma ghandha tghid assolutament xejn dwar tnaqqis tal-arrest preventiv proprju ghax tali tnaqqis jittiehed awtomatikament in konsiderazzjoni in virtu` tal-imsemmi Artikolu 22; u jekk tali Qorti tippronunzja ruhha kif solitament kien isir qabel ma l-Artikolu 22 gie sostitwit (cioe` tghid xi haga bhal "ghandu jitnaqqas iz-zmien tal-arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz") tali pronunzjament jista' aktar johloq kumplikazzjonijiet amministrattivi in vista tal-eccezzjonijiet stabbiliti fl-istess Artikolu 22.

**10.** Kif inghad, fis-sentenza appellata ma hemm ebda referenza ghal dan il-fatt tal-arrest domiciljari ta' Muscat, ghalkemm din il-Qorti ghandha tifhem li l-ewwel Qorti kienet, jew kellha tkun, konsapevoli ta' dan il-"house arrest" in vista tad-digriet moghti minnha fis-27 ta' Gunju 2006 (u ghalhekk wara l-prezentata tal-Att tal-Akkuza mill-Avukat Generali) li permezz tieghu cahdet talba ghal estensjoni ohra taz-zmien li fih Muscat seta' jkun barra minn daru. Ghandu jinghad ukoll li b'digriet tal-Qorti Kriminali tal-10 ta' Lulju 2007, il-guri gie appuntat ghas-smigh ghas-26 ta' Novembru 2007, u l-imputat gie notifikat bl-avviz relattiv fit-12 ta' Lulju 2007. Fit-8 ta' Novembru 2007 l-Avukat li kien qed jippatrocinja lill-akkuzat, l-Avukat Dott. Joseph Giglio, irrinunzja ghall-patrocinju tal-akkuzat, u l-akkuzat qabbad biex jiddefendih avukat – Dott. Joseph Brincat – li proprju bejn is-26 ta' Novembru u t-30 ta' Novembru 2007 kellu jattendi laqgha barra minn Malta tal-*Commonwealth Parliamentary Association*. Ghalhekk il-guri gie differit ghat-28 ta' Jannar 2008.

**11.** In vista tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehma li hemm lok li fil-kaz in dizamina l-piena ta' prigunerija tigi kkunsidrata mill-gdid. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar gust u ekwu li l-piena ta' prigunerija tkun ta' sittax-il sena, flok tmintax. Il-multa ghandha tibqa' nvarjata.

**12.** L-appellant jilmenta wkoll mill-ispejjez peritali. Hawnhekk l-appellant jista' ghandu ragun. Jinghad "jista' ghandu ragun" u mhux "ghandu ragun" ghas-semplici fatt li fl-atti din il-Qorti ma sabet ebda dokument li juri kif il-Qorti Kriminali waslet ghall-figura ta' €3,438.83. Certament ir-relazzjoni tal-perit tal-impronti digitali Juliana Scerri Ferrante, liema relazzjoni kienet wahda kompletament negattiva fis-sens li ma setghet tqabbel xejn, m'ghandhiex tkun a karigu tal-appellant (ara d-dokument GSF a fol. 237 *et seq*.). L-istess jinghad ghar-relazzjoni tal-Avukat Dott. Vincent Galea (fol. 334 *et seq.*). Apparti li din il-Qorti ma tarax ghala huwa necessarju li jitqabbad "perit" ossia "espert" biex jigu stabbiliti l-assi tal-imputat ghall-finijiet tal-ordni ta' sekwestru maghmul skond l-Artikolu 22A tal-Kap. 101, b'ebda mod ma jista' jinghad li, ghall-anqas f'dan il-kaz, din ir-relazzjoni setghet b'xi mod tincidi fuq il-htija tal-appellant (ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Walter John Cassar** li diga` saret referenza ghaliha). Ghalhekk l-appellant kellu jigi kkundannat ihallas l-ispejjez peritali kollha, <u>hlief</u> dawk konnessi mal-imsemmija zewg relazzjonijiet.

**13.** Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

i. thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant Paul Muscat ghal tmintax-il sena (18) prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' sittax-il sena (16) prigunerija;

ii. thassarha u tirrevokaha wkoll fejn ikkundannatu jhallas is-somma ta' tlett elef erba' mija u tmienja w tletin euro u tlieta u tmenin centezmu (€3,438.83) spejjez peritali, u minflok tikkundannah ihallas

l-ispejjez peritali kollha inkorsi ad eccezzjoni ta' dawk konnessi mar-relazzjoni tal-perit Juliana Scerri Ferrante u tal-perit l-Avukat Dott. Vincent Galea, u tordna lir-Registratur jerga' jikkomputa l-ammont hekk dovut u jikkomunikah minnufih lill-appellant li jkollu hmistax-il jum zmien minn dik il-komunika biex ihallashom; u

iii. tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

Fl-ahharnett din il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali, ghall-ordni ghad-distruzzjoni tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------